



## NIBŻĠĦU GĦALL-ĦAMRIJA BIEX NIBŻĠĦU GĦALL-ĦAJJA

**niżguraw li 75 % tal-ħamrija tkun  
f'saħħitha sal-2030 għal ikel, nies, natura u**

### **X'inhuma l-Missjonijiet tal-UE?**

Parzjalment ispirati mill-missjoni Apollo 11 biex jitqiegħed bniedem fuq il-qamar, il-missjonijiet tal-UE huma impenn biex jissolvew sfidi kbar tas-soċjetà bħalma huma:

- Il-ġlieda kontra l-kanċer;
- L-adattament għat-tibdil fil-klima;
- Il-ħajja fi bliet aktar ekoloġiċi;
- L-iżguraw tas-saħħa tal-ħamrija għal ikel, nies, natura u klima f'saħħithom;
- Il-ħarsien tal-oċeani tagħna.

Kull missjoni tal-UE se jkollha skeda ta' żmien u baġit speċifiċi skont id-diffikultà tal-isfida tagħhom. Dawn se jmorru lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni, u se jqanqlu l-innovazzjoni bejn is-setturi biex jipprovdu soluzzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, il-missjonijiet se jkollhom rwol kruċjali fil-kisba ta' prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar il-Ġlieda Kontra l-Kanċer.

### **Il-parteciċipazzjoni tiegħek tgħodd**

Għandna bżonnok biex inwettqu l-missjonijiet. S'issa, il-Bordijiet tal-Missjonijiet, magħmulin minn taħlita ta' esperti minn organizzazzjonijiet tal-innovazzjoni, tar-riċerka, tat-tfassil tal-politika, tas-soċjetà ċivili u tal-prattikanti, għenu lill-Kummissjoni Ewropea tispeċifika l-missjonijiet speċifiċi possibbli. Issa wasal iż-żmien li ninvolvu lill-Ewropej bħalek biex niżguraw li l-missjonijiet ikunu rilevanti u jagħmlu differenza reali. Billi naħdmu flimkien, nistgħu niksbu ħafna aktar.

### **Nibżgħu għall-ħamrija biex nibżgħu għall-ħajja**

Meta staqsejna lill-grupp ta' esperti tagħna x'għandha tkun il-missjoni tagħna għal ħamrija u ikel f'saħħithom, din kienet ir-risposta tagħhom:

## ***Il-missjoni: Nibżgħu għall-ħamrija biex nibżgħu għall-ħajja***

***Sal-2030, mill-inqas 75 % tal-ħamrija kollha f'kull pajjiż tal-UE tkun f'saħħitha u tkun tista' tipprovdi s-servizzi importanti li niddependu fuqhom***

Għaliex hija importanti? **Il-ħajja fid-Dinja tiddependi fuq ħamrija f'saħħitha.** Il-ħamrija taħt saqajna hija sistema ħajja – li fiha jgħixu bosta pjanti u annimali affaxxinanti, li bl-interazzjonijiet inviżibbli tagħhom jiżguraw il-benesseri tagħna u tad-dinja. Hemm aktar organiżmi (madwar 10 biljuni) f'penn ħamrija milli hemm bnedmin fuq il-pjaneta. Il-ħamrija tipprovdi lna ikel nutrittiv u prodotti oħra kif ukoll ilma nadif u ħabitats b'saħħithom għall-bijodiversità. FI-istess ħin, il-ħamrija tista' tgħin biex jitnaqqas il-pass tat-tibdil fil-klima u tagħmilna aktar reżiljenti għal avvenimenti klimatiċi estremi bħan-nixfiet u l-għargħar. Il-ħamrija tippreserva l-wirt kulturali tagħna u hija parti integrali tal-pajsaġġi li kollha ngħożżu. **Fi ftit kliem, ħamrija ħajja u f'saħħitha żżomm lalna u lid-dinja ta' madwarna ħajjin.**

Madankollu, għandna t-tendenza li ninsew dawn il-benefiċċji u b'riżultat ta' dan ninjoraw is-saħħa tal-ħamrija tagħna. Id-domanda dejjem tiżdied għall-art għall-iżvilupp urban u l-infrastrutturi urbani qed tieħu l-aktar ħamrija fertili tagħna. FI-istess ħin, l-użu mhux xieraq jew mhux sostenibbli tal-ħamrija u l-mod kif nittrattaw l-iskart tagħna qed jaffettwaw is-saħħa tal-ħamrija, u b'hekk tiffixkel il-kapaċità tal-ħamrija tagħna li twettaq is-servizzi vitali tagħha. **It-tibdil fil-klima qed ipoġġi aktar pressjoni fuq is-saħħa tal-ħamrija.**

**Għaliex irridu naġixxu issa??** Il-ħamrija hija fraġli u tista' tieħu eluf ta' snin biex tiffirma, iżda tista' tinqered f'temp ta' ftit sigħat biss! Dan ifisser li rridu nieħdu ħsieb il-ħamrija issa biex tkun tista' tiġi riġenerata u salvagwardjata għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Id-degradazzjoni tal-ħamrija hija xprunata l-aktar mill-mod kif ngħixu. Jekk din ma tiġix ikkontrollata, se taggrava ħafna mill-isfidi li qed tiffaċċja l-UE. Mhuwiex sorprendenti li **l-kundizzjoni tal-ħamrija hija fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku għall-Ewropa l-ġdid u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti**, li t-tnejn għandhom l-għan li jnaqqsu t-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, li jreġġgħu lura t-tibdil fil-klima filwaqt li jaħdmu għal ambjent f'saħħtu u użu tal-art sostenibbli. Il-missjoni se jkollha wkoll **rwol ewlieni fir-rispons għar-riskji mill-coronavirus u minn mard infettiv emerġenti ieħor.** Uħud mill-mikrobi li jgħixu fil-ħamrija huma fost l-aktar sorsi promettenti tagħna għal mediċini terapewtiċi ġodda.

Il-missjoni “Nibżgħu għall-ħamrija biex Nibżgħu għall-ħajja” se żżid l-għarfien tas-soċjetà dwar il-ħamrija u se tpoġġi l-Ewropa fit-triq lejn ġestjoni sostenibbli tal-art u tal-ħamrija. Il-missjoni se tkun sforz konġunt, li jjarreb nies minn kull qasam tal-ħajja, sew jekk ikunu bdiewa, xjenzati, negozji, politikanti jew nies ta' kuljum li jinkludu l-konsumaturi bħalna lkoll.

Flimkien, kollha kemm aħna se ngħinu biex jiffasslu u jiġu applikati soluzzjonijiet biex jinkiseb l-għan ewlieni tal-missjoni li huwa: **Sal-2030, mill-inqas 75 % tal-ħamrija kollha f'kull pajjiż tal-UE tkun f'saħħitha u tkun tista' tipprovdi s-servizzi importanti li niddependu fuqhom.** L-attivitajiet tal-missjoni se jikkombinaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-pariri, kif ukoll il-wiri ta' Prattiki tajba ta' ġestjoni tal-ħamrija bl-użu ta' “Laboratorji ħajjin” (esperimenti u innovazzjoni f'laboratorju fuq il-post) u

“Fanali” (postijiet fejn jintwerew il-prattiki tajba). Flimkien ma’ azzjonijiet oħra ta’ appoġġ dan se jiżgura l-adozzjoni mifruxa tas-soluzzjonijiet. Barra minn hekk, il-missjoni se tiżviluppa mezzi mtejba għall-monitoraġġ tal-istat tal-ħamrija, timmobilizza l-investimenti, tinkoraġġixxi bidliet fil-politiki u fl-imġiba u tiżgura li **ma nesportawx il-problemi ta’ degradazzjoni tal-ħamrija tagħna lejn pajjiżi oħra madwar id-dinja.**

Permezz ta’ azzjonijiet li jreġġgħu lura l-art degradata, li jagħtu s-setgħa lill-amministraturi tal-artijiet biex jużaw il-ħamrija b’mod sostenibbli u li joħolqu kundizzjonijiet li jippremjaw is-saħħa tal-ħamrija, **il-missjoni se jkollha impatti mifruxa fuq l-ikel, fuq in-nies, fuq il-pjaneta u fuq il-klima.**

Filwaqt li missjonijiet preċedenti wassluna fuq il-qamar, li **Nibżgħu għall-ħamrija hija missjoni li se żżommna sikuri f’din id-dinja b’ħamrija f’saħħitha!**

**Sir af aktar:** żur <http://ec.europa.eu/mission-soil> jew segwi **#MissionSoil #EUmissions #HorizonEU** fuq il-medja soċjali.